- *stħarriġ ta' egħmil amministrattiv-*

- *azzjoni miftuħa għal kull min għandu interess u mhux ristretta għal min kien parteċipi fil-proċess li wassal għall-egħmil amministrattiv impunjand*

*"isir jaf jew seta' jsir jaf" ex-Art. 469A(3)) ma jfissirx li wieħed seta' jissupponi jew jobsor*

*- ir-rimedju alternattiv ex-Art. 469A(4) irid ikun permezz ta' Qorti jew Tribunal*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**RikorsNru. 187/2017GM**

**Dragonara Gaming Limited (C-49848)**

**vs.**

**Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għall-finanzi;**

**Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għall-kompetittività;**

**L-Awtorità Maltija dwar il-Logħob;**

**L-Avukat Ġenerali;**

**U Il-Ministru responsabbli għall-finanzi u l-Ministru responsabbli għall-kompetittività għal kull interess li jista' jkollhom.**

**Seduta tal-5 ta' Diċembru 2019.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat mis-soċjeta` attriċi fit-28 ta' Frar 2017 li permezz tiegħu wara li esponiet illi:-

1. Dragonara Gaming Limited topera id-*Dragonara Casino.*

2. Skont il-Kapitolu 400 ("**l-Att**"), il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' joħroġ konċessjonijiet lil persuni sabiex jiftħu u jħaddmu każinò. Il-ħruġ ta' konċessjoni mill-Ministru ma teħlisx lill-konċessjonarju mill-ħtieġa ta' liċenzja mill-Awtorità Maltija dwar il-Logħob ("**l-Awtorita**") taħt l-istess Att.

3. Konċessjoni mhix bħal liċenzja. Mhux kull min irid konċessjoni tingħatalu, basta jissodisfa kriterji oġġettivi mfassla fil-liġi. Skont il-liġi, konċessjoni hi riżorsa limitata, tingħata biss wara kompetizzjoni, ikkunsidrata skont sejħa għal proposti. L-Awtorita` ma tistax toħroġ jew testendi liċenzja biex jiġi operat każinò jekk l-applikant ma għandux fil-pussess tiegħu konċessjoni valida biex jopera l-istess każinò.

**Każinò Portomaso**

4. Fis-sena 1998, operatur privat Tumas Gaming Limited[1] ingħata konċessjoni biex jopera każinò fin-*New Dolmen Hotel*, il-Qawra ("**il-Konċessjoni Oracle**").

5. Fis-sena 2006, il-Ministru responsabbli għall-finanzi biddel in-natura tal-Konċessjoni Oracle u ta' lill-operatur l-opportunita' li jopera żewġ każinos taħt konċessjoni waħda. Effettivament, il-Ministru"qasam" l-Konċessjoni Oracle f'żewġ konċessjonijiet b'mod li l-operatur issa seta'jopera l-kazinò fin-*New Dolmen Hotel* u ieħor f'San-Ġiljan bl-isem Każinò Portomaso.[2]

6. Minn informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, il-konċessjoni li ngħatat fir-rigward tal-Każinò Portomaso skadiet fil-31 t'Awissu 2016.

---

[1] Fis-16 ta' April tal-2010 ir-Reġistru tal-Kumpaniji ġie notifikat b'tibdil fl-isem tal-kumpanija minn "Tomino Limited" għal "Tumas Gaming Limited".

[2] Dak li għamel il-Ministru dak iż-żmien kien illegali. Infatti kien illegali taħt żewġ aspetti. Fl-ewwel lok dak li għamel kien, in effett, jammonta għall-għoti ta' konċessjoni ġdida taħt il-kappa ta' "qasma" tal-konċessjoni oriġinali tal-Każinò Oracle. Fit-tieni lok kien jammonta għal estensjoni taż-żewġ konċessjonijiet għal għaxar snin. Dan kien, kif ser naraw, jammonta għall-għoti ta' żewġ konċessjonijiet ġodda, li t-tnejn ngħataw mingħajr proċess kompettitiv.

7. Ill-Ministru responsabbli għall-finanzi ma ħareġ ebda sejħa pubblika għal proposti għall-għoti ta' konċessjoni fir-rigward ta' l-operar ta' każino f'Malta minn Settembru 2016 'l quddiem. Madankollu, dan il-Każinò Portomaso m'għalaqx il-bibien fil-31 t'Awwissu 2016, u għadu qed jiġi operat mill-istess Tumas Gaming Limited (C22700). Ġie ikkonfermat, fil-frattemp, li l-liċenzja mogħtija mill-Awtorità ġiet estiża.

8. Infatti, kif jidher b'mod ċar fuq is-sit ta' l-Awtorità (ara "Dok A" tal-protest anness bħala "DGL Dok 1" li juri stampa tas-sit elettroniku in kwistjoni), illum il-ġurnata hemm erba' każinojiet li għandhom liċenzja mill-Awtorità u dawn huma *Casino Malta*, *Dragonara Casino*, *Oracle Casino* u *Portomaso Casino.*[3]

**Aġir *Ultra Vires* u Illegali, da parti tal-intimati, jew min minnhom**

9. Dan jista' jfisser biss li ingħatat konċessjoni ġdida jew ġiet estiża jew 'interpretata' bħala li għadha tgħodd dik li skadiet, f'kull każ mingħajr bażi legali, mingħajr ebda sejħa pubblika, u bil-moħbi, u għalhekk illegalment.

10. Jekk ingħatat estensjoni tal-konċessjoni fir-rigward tal-Każino` Portomaso jew konċessjoni ġdida, l-estenzjoni jew l-għoti mill-ġdid ta' konċessjoni mingħajr sejħa pubblika tmur kontra l-liġi u ma tiswiex.

[3] http://www.mga.org.mt/gaming-sectors/casinos/.

11. Skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, la darba tkun skadiet konċessjoni bħal ma hi l-konċessjoni in kwistjoni, l-awtoritajiet governattivi għandhom jagħmlu sejħa pubblika, miftuħa għal kulħadd, sabiex tingħata konċessjoni ġdida. Il-gvern ma jistgħax, b'mod unilaterali u b'mod mhux trasparenti u fil-moħbi, jestendi konċessjoni jew inkella jagħmel konċessjoni ġdida mal-istess operator tal-Każino` mingħajr tali sejħa. F'dan il-kuntest, konċessjoni biex jiġi operat Każino` jiġi definit fil-liġi ewropea bħala konċessjoni dwar servizzi.

12. Il-liġi tal-UE u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tal-Ġustizzja dwar l-għoti ta' konċessjonijiet jittrattaw estenzjoni ta' konċessjoni bl-istess mod li jitrattaw l-għoti ta' konċessjoni ġdida.

13. Issa m'hemmx dubbju li konċessjoni biex jiġi operat każinò hi konċessjoni f'dan is-sens u li tali konċessjoni għandha tingħata permezz ta' proċess kompetittiv skont kif titlob l-UE u l-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

14. Konċessjonijiet illum huma regolati permezz tad-Direttiva 2014/23, liema Direttiva ġiet implementata permezz tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni (Liġi Sussidjarja 174.10). Nonostante li dawn ir-Regolamenti ġew implementati wara l-estenzjoni jew l-għoti ta' konċessjoni ġdida, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja anki qabel ma daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2014/23 stqarret b'mod konsistenti li l-prinċipji tat-*Treaty on the*

*Functioning of the European Union* kienu applikabbli għall-konċessjonijiet.[4]

15. Jekk fil-fatt jirriżulta li ma kienx hemm estenzjoni tal-konċessjoni tal-Portomaso Casino, allura l-Awtorita` aġixxiet b'mod illegali u *ultra vires* meta tagħat liċenzja ġdida jew estendiet il-liċenzja ta' l-istess Portomaso Casino meta din ma kellhiex konċessjoni biex topera l-istess każinò.

16. Dragonara għandha, u dejjem uriet, interess li tipparteċipa f'kwalunkwe sejħa għal proposti għall-għoti ta' konċessjoni fir-rigward ta' ftuħ u operar ta' każinò f'Malta[5].

17. Fil-fatt Dragonara, fl-24 t' Awwissu 2016, bagħtet ittra lill-Ministru tal-Finanzi fejn infurmatu li l-konċessjoni tal-*Portomaso Casino* ma setgħetx tiġi estiża mingħajr proċess kompetittiv (kopja ta' din l-ittra hija annessa hawnhekk bħala "Dok B" tal-protest anness bħala "DGL Dok 1").

18. Din l-ittra ġiet injorata u l-konċessjoni tal-*Portomaso Casino* ġiet estiża illegalment jew 'interpretata' bħala li għadha tgħodd meta kienet diġa' skadiet, u dan mingħajr bażi legali, mingħajr sejħa pubblika u bil-moħbi.

---

[4] *TelaustriaVerlags Gmbh and Telefonadress GmbH v Telekom Austria AG* C-324/98 [2000] ECR 1–10745*, Conzorzio Aziende Metano (Coname) v Comune di Cingia de' Botti* C-231/03 [2005] ECR 1–7287 *u Parking Brixen GmbH v GemeindeBrixen and Stadtwerke Brixen AG* C-458/03 [2005] ECR 1–8612.

[5] Infatti, meta fil-31 ta' Lulju 2013 il-*Privatisation Unit* fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar ħareġ sejħa għal proposti għall-għoti ta' konċessjoni fir-rigward ta' ftuħ u operar ta' casino f'Malta, Dragonara wriet l-interess tagħha li tingħata din il-konċessjoni billi tefgħet l-offerta tagħha. Fir-rigward ta' din is-sejħa, Dragonara ukoll issostni li l-awtoritajiet governattivi mxew bi ksur tal-liġi u fil-fatt fetħet proċeduri quddiem din il-Qorti permezz tar-rikors ġuramentat numru 1000/2015LM.

19. Dragonara ppreżentat protest fis-7 ta' Frar 2017 (kopja ta' liema huwa anness hawnhekk bħala "DGL Dok 1") iżda l-intimati baqgħu inadempjenti (sal-lum Dragonara għadha ma rċeviet l-ebda risposta) u għaldaqstant tkellha ssir din il-kawża.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, aġixxew b'mod *ultra vires* u/jewb'mod li jmur kontra l-liġi fir-rigward tal-għoti jew estenzjoni tal-konċessjoni lill-Tumas Gaming Limited (C22700) biex topera l-każino Portomaso u/jew l-estenzjoni tal-liċenzja rilevanti li tingħata mill-Awtorita` wara l-31 t'Awwissu 2016; u/jew

2. Tiddikjara li l-konċessjoni u/jew l-liċenzja (jew l-estensjoni jew l-effett kontinwat tagħhom) tal-*Portomaso Casino* huma nulli, invalidi u mingħajr ebda effett u għaldaqstant tordna t-tħassir u t-terminazzjoni immedjata tal-konċessjoni u/jew l-liċenzja in kwistjoni.

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Mejju, 2017, li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra ssir it-trattazzjoni u ġbir tal-provi tat-**tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari** tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għall-Finanzi, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għall-Kompetittivita`, l-Avukat Generali, il-Ministru responsabbli għall-finanzi u l-Ministru responsabbli għall-Kompetittivita` u ċioe' illi:

2. L-azzjoni hija *fuori termine* t-terminu perentorju stabbilit bl-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u għalhekk din l-azzjoni għandha tiġi ddikjarata bħala tali;

3. Hemm nuqqas ta' interess ġuridiku tas-soċjeta` attriċi fl-azzjoni odjerna stante li qiegħdha titlob stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni li tirrigwarda lil terzi

kif ukoll tal-**ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorita**` konvenuta li:

1. Din il-Qorti m'għandhiex tisma' u taqta' din il-kawża billi l-attriċi kellha rimedju ieħor li naqset li tinqeda bih. Fil-fatt fil-korrispondenza mal-Ministru tal-Finanzi tal-24 t'Awwissu 2016 tivvanta dritt taħt il-Liġi Ewropeja u tintima li sejra tagħmel notifika formali lill-Kummissjoni Ewropeja.

2. It-talba attriċi hija tardiva ai termini tal-Art. 469A Kap 12.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija;

Rat li waqt l-udjenza tat-3 t'Ottubru 2019 il-kawża ġiet imħollija għallum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi bla dubbju ta' xejn, din il-kawża hija dwar l-impunjar ta' att amministrattiv taħt l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12, f'dan il-każ id-deċizjoni tal-għoti jew estenzjoni tal-konċessjoni lill-Tumas Gaming Limited (C22700) biex topera l-każino Portomaso u/jew l-estenzjoni tal-liċenzja rilevanti li tingħata mill-Awtorita` wara l-31 ta' Awwissu 2016. L-attriċi tilmenta mill-fatt illi meta skadiet il-konċessjoni ta' Portomaso fil-31 ta' Awwissu 2016, ma ingħatatx konċessjoni ġdida jew lanqas tiġdid u lanqas ma sar il-ħlas korrispettiv kif trid il-liġi. Dragonara tkompli targumenta li l-Gvern ma ħareġ l-ebda proċess kompetittiv biex jagħti konċessjoni ġdida u Tumas Limited tħalla jkompli jopera l-każino mingħjar ebda ħlas għal-tiġdid jew konċessjoni ġdida;

**Il-fatti:**

Illi l-ġrajjiet l-iktar importanti u ġuridikament rilevanti seħħew, b'mod kronoloġiku, kif ġej:-

**01.09.1998** – **ingħatat konċessjoni**[6] lil Tomino Limited li llum il-ġuranta huwa Tumas Group sabiex ikun jista jopera l-Oracle Casino ġewwa Dolmen Hotel San Pawl il-Baħar għal-perjodu ta' għaxar snin u ċjoe' din il-konċessjoni kellha tiskadi fl-2008. Dan għal-hlas ta' LM400,000;

**05.01.2006** – kien hemm tiġdid tal-**konċessjoni** li ingħatat fl-1998 għalkemm kienet għadha ma skaditx (kien baqa sentejn biex tiskadi) u dan għaliex Tomino Limited xtaqet li tinqasam fi tnejn.[7] Kif spjega Tonio Fenech li kien Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Finanzi dak iż-żmien, jgħid li din kienet konċessjoni waħda pero n-numru ta' imwejjed li seta jopera bħala każino seta jinqasam bejn żewġt postijiet u

[6] Dok MS a fol 102.
[7] Dok MS1 a fol 104.

ċjoe' Dolem Hotel u Portomaso. Ma żdiedux imwejjed tal-logħob iżda biss seta jalloka ċertu ammont ta' mwejjed f'post u ċertu ammont ieħor f'post ieħor.[8] Dan għal-ħlas ta' LM400,000 fuq id-Dolmen Hotel u LM200,000 fuq il-konċessjoni ta' Portomaso. Tomino Limited setgħet tkompli topera minn ġewwa New Dolmen Hotel b'effett mill-01.09.2008 u ċjoe'' mal-iskadenza tal-konċessjoni oriġinali u minn ġewwa Portomaso mid-data tal-pagament u ċjoe' mit-22 ta' Frar 2006 għal-perjodu ta' għaxar snin. Din il-konċessjoni maqsuma f'żewġt postijiet kienet kontrovesjali u saħansitra ġabuha fuq il-gazzetti[9];

**23.02.2006** – l-Awtorita` tal-Logħob ħarġet **liċenzja** lil Tomino Limited sabiex tkun tista' topera ġewwa Portomaso Casino;

**01.09.2011** – Skond Dokument JC2[10] il-liċenzja ta' Portomaso kienet tiskadi fit-22 ta' Frar 2016 li konsegwentament kellha tkun l-iskadenza awtomatika tal-konċessjoni. Iżda din il-liċenzja ġiet riveduta u nħarġet liċenzja oħra fl-1 ta' Settembru 2011.[11] Din il-liċenzja riveduta kienet tiskadi fil-31 ta' Awwissu 2016;

**28.01.2016** – Dragonara rat ir-reklamar ta' *poker tournament*[12] kbir li kellu jsir f'Novembru 2016 fuq il-*website* ta' Portomaso Casinou għalhekk l-attriċi issuspettat li l-konċessjoni u l-liċenzja ta' Portomaso kienu se jiġu mġedda la darba kienu qed jippromvowu dan it-*tournament* li kien se jaħbat wara d-data tal-iskadenza;

**Ġunju 2016** – l-attriċi iltaqgħet ma' Dr Joseph Cuschieri, ic-*chairman tal-Gaming Authority* ta' dak iż-żmien;

[8] Fol 250.
[9] Dok JS5 a fol 79-85.
[10] Fol 154
[11] Dok JC3 a fol.
[12] Dok JS1 a fol 86.

**09.08.2016** – inħarġet liċenzja ġdida lil Tumas Gaming Limited għal Portomaso Casino għal-perjodu ta' għaxar snin effettiva minn 01.09.2016 sa 31.08.2026[13].

**24.08.2016** – Dragonara bgħatet ittra lil Ministru tal-Finanzi u stqarret ċar u tond illi "*from information in the public domain – the split concession in respect of the Portomaso Casino and the Oracle Casino (the Concession) is due to expire on the 31 August 2016 (in respect of Portomaso*)"[14]. L-attriċi kienet taf bl-iskadenza għaliex skond ix-xhieda ta' Johann Schembri, il-*managing director* u *majority shareholder* ta' Dragonara, il-konċessjonijiet dak iż-żmien keinu jingħataw għal-għaxar snin u għalhekk setgħu jikkalkulaw meta kienet se tiskadi u apparti minn hekk il-liċenzja kienet tkun imwahhla fir-*reception* tal-każino fejn ikun jista' jaraha kulħadd u kien faċli li wieħed jivverifika meta se tiskadi;

**1.09.2016** – L-attriċi saret taf bħala fatt illi l-konċessjoni ta' Dragonara ġiet imġedda għaliex il-każino baqa jopera wara d-data tal-iskadenza għalkemm ma rat l-ebda dokument ta' dan it-tiġdid u din lanqas tkun f'postijiet pubbliċi fejn wieħed jista' jaraha. Rigward il-liċenzja, din ma kinitx imwaħħla fir-*reception* ta' Portomaso Casino bħal ma kien hemm qabel. Apparti minn hekk hemm *website*[15] tal-awtorita illi fiha elenku ta' Casinos li huma liċenzjati u Portomaso kien mniżżel bħala wieħed minnhom. Iġifieri skond il-*website* tal-Awtorita` , **f'Jannar 2017**, Portomaso Casino kien imniżżel bħala Każino liċenzjat.

**07.02.2017** – ġie intavolat protest ġudizzjarju minn naħa ta' Dragonara;

**28.02.2017** – ġiet intavolata din il-kawża;

Illi l-konvenuti kollha jressqu eċċezzjoni komuni – dik tad-dekadenza; l-Awtorita` Maltija dwar il-Logħob ressqet ukoll l-eċċezzjoni dwar id-disponibilita` ta' rimedju

[13] Dok JC1 a fol 144.
[14] Dok B a fol 16.
[15] Dok A a fol 14 u 15.

alternattiv filwaqt li l-konvenuti l-oħrajn eċċepew in-nuqqas ta' interess ġuridiku. Għalhekk fis-sustanza huma tlieta l-eċċezzjonijiet li l-Qorti trid tiddeċiedi dwarhom f'dan l-istadju. Fl-ordni loġiko-ġuridiku, l-ewwel li trid tiġi ttrattata hija l-eċċezzjoni dwar l-interess ġuridiku, għaliex jekk l-attriċi m'għandhiex interess il-kawża tasal fit-tmiem tagħha u l-Qorti ma tkunx tista' tkompli tieħu konjizzjoni tal-każ u għalhekk lanqas tkun tista' titratta l-eċċezzjonijiet l-oħrajn. Jekk din l-eċċezzjoni ma tiġix milqugħa, it-tieni eċċezzjoni li għandha tiġi ttratta hija dik tad-dekadenza għaliex f'każ li tintlaqa' din l-eċċezzjoni, ikun superfluwu li l-Qorti tindaga dwar l-eċċezzjoni tar-rimedju alternattiv;

**L-interess ġuridiku:**

Illi l-kumpanija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa Dragonara) topera Każino. Illi sabiex jopera każino għandu bżonn kemm ta' liċenzja u kemm ta' konċessjoni. Tali konċessjoni tinħareġ mill-Ministeru għall-finanzi wara li jiġu sodisfatti kriterji mfassla fil-liġi u filfatt il-ħlas tagħha jitħallas lil tali Ministeru. Konċessjoni hija diffiċli sabiex tinħareġ anke minħabba li n-numru ta' każinos f'Malta huwa wieħed limitat. Min-naħa l-oħra, liċenzja toħroġ mill-Awtorita` Maltija tal-Logħob u filfatt il-ħlas tagħha jitħallas lil tali Awtorita` . Każino ma jistax ikollu liċenzja jew estenzjoni tagħha jekk qabel xejn ma jkollux fil-pussess tiegħu **konċessjoni valida**;

Illi l-Artikolu 469A (3) jistipula li "Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta **min ikollu interess** isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv";

Illi l-konvenuti kollha ħlief għall-Awtorita` Maltija dwar il-Logħob jargumentaw illi l-attriċi qed titlob stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni li tirrigwarda lil terzi u għalhekk għandha nuqqas ta' nteress ġuridiku;

Illi l-kliem tal-artikolu suċċitat huwa ċar u jgħid illi jista' jipproċedi b'azzjoni bħal dik odjerna **kull min ikollu interess.** Dan il-kliem huwa ċar. Ma jagħmel l-ebda restrizzjoni għal xi kategorija ta' persuni li jistgħu jitolbu l-istħarriġ mill-organi ġudizzjarji ta' egħmil amministrattiv. Hija regola elementari li fejn fejn it-test leġislattiv huwa ċar, m'hemm lok għal ebda interpretazzjoni. Daqstant ieħor huwa paċifikament stabbilit li fejn il-leġislatur jistabbilixxi regola ġenerali, l-interpretu m'għandux jivvinta restrizzjonijiet għaliex jekk jagħmel hekk ma jkunx qiegħed jiċċara r-rieda tal-leġislatur imma jkun qiegħed joħnoqha u jbiddilha. Il-funzjoni tal-organi ġudizzjarji mhix dik li jagħtu l-interpretazzjoni soġġettiva tagħhom, jew il-veduti tagħhom dwar x'għandha tkun il-liġi imma li jistabbilixxu x'inhi n-norma rilevanti kif voluta minn organu ieħor separat – dak leġislattiv – u japplikawha għall-fattispeċje tal-każ partikolari li jkollhom quddiemhom. Għalhekk din il-Qorti ma tistax taċċetta l-propożizzjoni li kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv tista' tiġi miftuħa biss minn dik il-persuna li fil-konfront tagħha l-awtorita` pubblika tat deċiżjoni;

Illi għalhekk dak li jrid jiġi stabbilit huwa jekk l-attriċi għandhiex interess fid-deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-konċessjoni *de quo* irrispettivament mill-fatt li din saret fil-konfront ta' ħaddieħor u mhux fil-konfront tagħha u irrispettivament minn jekk kinitx parteċipi fil-proċess amministrattiv li wassal għal dik id-deċiżjoni;

Illi t-terminu **interess** ifisser, fil-kamp legali, dak li jintitola persuna li tipproteġi xi ġid li jkollha. Ġid fis-sens wiesa tal-kelma li jinkludi kemm ħwejjeġ materjali jew immaterjali kif ukoll ħtiġijiet umani oħrajn. Meta iktar minn persuna waħda tippretendi ġid li huwa skars, l-interessi tagħhom jidħlu f'konflitt; u huwa proprju

wieħed mill-funzjonijiet tad-dritt li jirriżolvi dan il-konflitt billi jistabbilixxi liema minn dawn l-interessi għandu jipprevali. Tali interess irid jiġi meqjus bħala rilevanti mill-ordinament ġuridiku u jikkostitwixxi l-oġġett ta' rapport ġuridiku. Mhux kull tip ta' interess jistħoqqlu l-ħarsien tal-ordinament, imma biss dawk li l-ordinament jidhirlu li għandu jħares, u allura jilħqu l-livell ta' sitwazzjoni ġuridika soġġettiva; l-oħrajn jibqgħu interess fil-fatt biss u, li l-ordinament ġuridiku ma jqishomx rilevanti inkella jqishom illeċiti;

Illi għal bosta snin il-Qrati tagħna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali.[16] Biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[17] b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[18]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali;

Illi biex wieħed jista' jingħad li għandu interess ġuridiku li jipproponi azzjoni, hemm bżonn li l-kawża li jipproponi tkun tista' tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.[19] L-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali.[20] Għal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos, il-

[16] Emilio Persiano vs Il-Kummissarju talPulizija fil-kwalita` tiegħu bhala Ufficjal Principali ta' lImmigrazzjoni (P.A. (JRM) 18 ta' Jannar 2001.
[17] Ara App. Ċiv. 13.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet Manche' vs Montebello (Kollez. Vol: XXXVII.i.56).
[18] Ara App. Ċiv. 8.6.1942 fil-kawża fl-ismijiet Cortis vs Bonello (Kollez. Vol: XXXI.i.218).
[19] Giulia Maria Millard vs George Said et noe deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299].
[20] Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine Qorti ta' l-Appell Superjuri fit-28 ta' Frar, 1997.

konsegwenza hija li l-konvenut jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Il-kawża tal-lum m'hijiex waħda ta' sura merament dikjaratorja, iżda, jekk kemm-il darba kellha tintlaqa', waħda integrativa, għaliex maħsuba biex tħassar l-egħmil amministativ u terġa' tqiegħed kollox għal li kien qabel ittieħdet id-deċiżjoni amministrativa attakkata. L-interess tal-attriċi huwa wieħed attwali, għaliex bid-deċiżjoni meħuda ntlaqtu l-interessi diretti tagħha. Dawn iċ-ċirkostanzi kollha jsaħħu l-fehma tal-Qorti li l-attriċi għanda interess ġuridiku tutelabbli biex tmexxi din il- kawża;

Illi mingħajr dubbju, l-attriċi ġiet milquta finanzjarjament kemm-il darba jirriżulta li t-tiġdid tal-konċessjoni ma sarx skont il-liġi u li b'konsegwenza ta' hekk l-attriċi tneħħitilha inġustament l-opportunita` li tikkonkorri hija wkoll. Il-Qorti tagħmilha ċara li m'hijiex qiegħda tgħaddi xi għamla ta' ġudizzju dwar il-mertu nnifsu. Il-punt ewlieni f'dan l-istadju huwa li min fetaħ din il-kawża jidher li kellu interess biżżejjed biex jagħmel dan u l-Qorti ma tħossx li għandha ċċaħħad lill-parti attriċi milli tinqeda bih biex tfittex ir-rimedju mitlub. Il-fatt li wieħed ikollu interess li jiftaħ kawża biex jipproteġi ħaġa li jippretendi li hija tiegħu ma jfissirx li fil-fatt għandu dritt għaliha;

Illi l-Qorti ma tħossx li għandha f'dan l-istadju tidħol, bħalma għamlet l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, fil-mertu dwar jekk id-direttiva 2014/23/EU tapplikax għal dan l-egħmil amministrattiv partikolari inkella jekk japplikawx il-prinċipji ta' *direct effect* jew ta' *indirect effect* tad-dritt komunitarju. Il-possibilita` li jirriżulta, waqt eventwali smiegħ fil-mertu, li dawn jew xi waħda minnhom hi applikabbli huwa biżżejjed biex jiġi radikat l-interess ġuridiku. Kif ġja` ngħad, l-

interess ġuridiku huwa bbażat fuq pretensjoni ta' dritt, u mhux fuq l-aċċertament innifsu ta' tali dritt li jista' jirriżulta biss minn sentenza finali fil-mertu;

**Dekadenza tal-azzjoni:**

Illi kif diġa` ntqal, it-tieni eċċezzjoni li trid tiġi trattata hi dik li l-azzjoni ma setgħetx issir għaliex l-azzjoni hija tardiva għaliex skont l-artiklu 469 A tal-Kap 12 kawża ta' dan it-tip "għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess **issir jaf jew seta' issir jaf**, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amminstrattiv";

L-attriċi ma kinitx taf, u lanqas setgħet tkun taf, li kien għaddej proċess ta' tiġdid tal-konċessjoni billi dan il-proċess kien wieħed magħluq. Għamlet assunzjoni li dan il-proċess kien għaddej jew li kien sejjer jgħaddi minħabba li Tumas irreklamat attivitajiet wara d-data tal-iskadenza tal-konċessjoni. Ma nġiebet l-ebda prova ta' kif u lanqas ta' meta nbeda l-proċess ta' tiġdid. Fi kwalunkwe każ ma seta' jkun hemm l-ebda ċertezza li l-proċess kien sejjer iwassal għat-tiġdid;

Illi minħabba s-suspetti li kellha, l-attriċi talbet laqgħa ma' Joseph Cuschieri, Chief Executive tal-Awtorita` u ġibditlu l-attenzjoni għas-suspetti tagħha. Cuschieri la kkonferma u lanqas innega li kien sejjer ikun hemm tiġdid. Kien għalhekk li kitbet lill-Ministru tal-Finanzi. Ma rċeviet l-ebda risposta;

Illi mhuwiex kontestat li l-attriċi kienet taf illi l-konċessjoni kienet se tiskadi fil-31 t'Awwissu 2016. Filfatt l-attriċi nnifisha stqarret illi hija kienet konsapevoli tad-data tal-iskadenza tal-konċessjoni. Li ma kinitx taf huwa jekk kinitx se tiġi mġedda u dan mingħajr ebda avviż jew sejħa pubblika. L-attriċi qatt ma saret taf illi tali konċessjoni ġiet imġedda. Hija assumiet li ġiet imġedda biss wara li l-Kasino baqa' miftuħ wara l-31 ta' Awwissu 2016, data tal-iskadenza preċedenti. Fetħet din il-kawża fit-28 ta'

Frar 2017 eżatt qabel għalaq it-terminu ta' sitt xhur. Huwa minnu li l-attriċi kellha għalfejn tissuspetta, u fil-fatt issuspettat, li l-konċessjoni kienet sejra tiġġedded wara l-egħluq tagħha. B'danakollu, dan is-suspett ġie kkonfermat, u seta' jiġi kkonfermat biss, wara l-31 ta' Awwissu 2016. Dan billi d-deċiżjoni tat-tiġdid, datata 9 t'Awwissu 2016, ma kinitx fid-dominju pubbliku. L-attriċi qatt ma setgħet tieħu passi fuq sempliċiment suspett. Il-liġi tirrikjedi li l-persuna li jkollha interess **issir taf** inkella **setgħet issir taf.** Huwa minnu li l-liġi ma tinħtieġx li l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali bil-miktub dwar id-deċiżjoni.[21] Min-naħa l-oħra, li tkun taf, jew messek tkun taf, ma jfissirx li jkollok suspett, xamma, inkella indizji, imqar jekk dawn ikunu qawwija. It-termini ta' dekadenza ta' dritt huma min-natura tagħhom odjużi u għandhom jiġu interpretati restrittivament. Hawnhekk il-Qorti lanqas qiegħdha tinterpreta d-disposizzjoni dekadenzjali restrittivament, imma biss skont it-tifsira naturali u ġeneralment aċċettata tal-kelma. Li kieku kellha tqis is-suspett bħala sinonimu mal-għarfien (ċjoe` li suppost tkun taf) ma tkunx qiegħdha sempliċiment tinterpreta l-kelma b'mod wiesa jew estensiv imma tkun qiegħdha tħallat il-ħass mal-qarabagħli u, agħar minn hekk, tabdika mill-podesta` lilha mogħtija mil-liġi biex tgħasses lill-eżekuttiv u tassikura li dan ma jaqbisx is-setgħat u limiti oħrajn imposti fuqu mil-liġi. Tkun ukoll qiegħda tippjanta xenarju Kafkesk dwar il-*punctum temporis* tal-bidu tad-dekorriment ta' terminu dekadenzjali pjuttost qasir. M'għandux ikun hemm dubbji bla bżonn maħluqa minn kriterji elastiċi u nebolużi dwar dan il-punt ta' tluq; altrimenti s-suġġett tad-dritt jitpoġġa fi stat ta'inċertezza li qajla hu konformi mas-saltna tad-dritt. Jekk huwa mistenni li l-injoranza tal-liġi mhix skuża, korrispondentement għandu jkun mistenni li l-liġi tkun ċara kemm jista' jkun;

[21] Dennis Tanti v Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et. 27.06.2003, Prim'Awla, per Onor. Imħ. Geoffrey Valenzia

**Rimedju alternattiv:**

Ir-rimedju ta' stħarriġ amministrattiv huwa wieħed residwali. Skont Artiklu 469A(4), id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu "ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew il-ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi liġi oħra". L-għan evidenti ta' din id-disposizzjoni mhuwiex, u m'għandux ikun, biex tiġi limitata s-setgħa tas-sindakar tal-organi ġudizzjarji fuq il-fergħa eżekuttiva, imma l-ewwel sabiex ir-rimedju jingħata minn fora speċjalizzati u allura iktar idonei li jipprovdi rimedju ta' dan it-tip, it-tieni biex tinħoloq ċerta ġerarkija sabiex il-Prim'Awla ma tiġix inondata b'kawżi ta' din ix-xorta u t-tielet huwa sabiex, fejn minkejja t-tribunali u qrati hekk maħluqa mil-leġislatur, xorta waħda ma jkunx jista' jingħata rimedju, inkella jekk ir-rimedju ma jkunx effettiv, allura jibqa' dejjem ir-rimedju ta' din l-azzjoni bħala garanzija aħħarija. Għalhekk meta jkun hemm xi liġi li tipprovdi rimedju quddiem qorti jew tribunal f'sitwazzjonijiet partikolari, ikun bil-wisq inkonguwu, anzi jkun abbuż, li jintuża' r-rimedju taħt tal-Art 469A. Naturalment, min-naħa l-oħra, m'għandux ikun hemm esklużjoni kif ġieb u laħaq tal-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti; l-esklużjoni tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u li hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[22]. Jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi l-Awtorita` fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tikkontendi li l-attriċi kellha rimedju taħt id-dritt Ewropew, tat li fl-ittra li bagħtet lill-Ministru tal-Finanzi fl-24 t'Awwissu 2016 wissietu li jekk kien sejjer joħroġ konċessjoni lil Tumas Gaming Limited, kienet sejra tinnotifika lill-Kummissjoni Ewropeja b'aġir illegali u abbużiv.

[22] App. Ċiv. 6.5.1998 fil-kawża fl-ismijiet Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et (mhix pubblikata) u App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Cauchi vs Chairman Awtorita` tal-Ippjanar (Kollez. Vol: LXXXV.ii.943).

Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda obbligu li tinvestiga wara li tirċievi lment minn persuna jew kumpannija aggravata; il-persuna jew kumpannija aggravati ma jipparteċipawx fl-investigazzjoni u lanqas ma jingħata l-ebda rimedju. Jekk il-proċeduri jkunu jinvolvu Stat Membru, il-Kummissjoni tinvestiga jekk ikunx sar ksur tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropeja. Il-proċedura quddiemha mhix waħda ġudizzjarja, imma purament amministrattiva. Għalhekk ma jikkonkorrux l-elementi esklużjonarji voluti mill-Art. 469A(4) l-ewwel għax m'hemmx obbligu tas-smiegħ; it-tieni għaliex m'hemmx rimedju u t-tielet għaliex il-Kummissjoni Ewropeja la hi Qorti u lanqas Tribunal;

Illi għalhekk l-Awtorita` konvenuta naqset milli tipprova liema rimedju effettiv ieħor kien hemm għal-attriċi u taħt liema liġi jaqa';

Illi l-Qorti, fid-dawl ta' dan li ssemma aktar qabel, ssib li l-attriċi ma kellhiex l-aċċess għal dak ir-rimedju alternativ. Għalhekk, issib li ma tistax tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari mqanqla minn mill-Awtorita` Maltija tal-Logħob;

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għall-Finanzi, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għall-Kompetittivita`, l-Avukat Generali, il-Ministru responsabbli għall-finanzi u l-Ministru responsabbli għall-Kompetittivita`.

(2) Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita` Maltija dwar il-Logħob.

Tordna t-tkomplija tas-smigħ tal-kawża.

Spejjeż riservati għad-deċiżjoni aħħarija.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA
IMĦALLEF